*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 72– 23 ta' Novembru 2023**

***Minuti tat-tnejn u sebgħin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret fit-23 ta' Novembru 2023 fis-6pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-sitta ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 72. Il-laqgħa bdiet fis-6pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Mark Camilleri** | Sindku |
| | **Clive Azzopardi** | Viċi-Sindku |
| | David **Battistino** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Anthony Borg** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Ħadd** | |
| **Assenti :** | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

72.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

72.2 Approvazzjoni tal-Minuti
Il-minuti tpoġġew għad-diskussjoni u ġew emendati kif anness.

72.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Mark Camilleri qal li t-tender ZBGLC01/2023 bit-titlu TENDER FOR THE THE CONSTRUCTION OF RURAL ROADWAY, PLANTING OF TREES, STREET FURNITURE AND EDUCATIONAL MATERIALS TA' TRAPNA AREA FROM GNIEN TAL-KMAND TO BARUMBARA, ĦAŻ-ŻEBBUĠ, issa huwa aġġudikat u l-bord tal-aġġudikazzjoni qed jirrakkomanda li t-tender jinrebaħ minn Derek Ltd.għal valur ta' Eur69,214 Vat eskluż. Il-Kunsilliera b'vot unanimu qabel unanimament li jintrebaħ minn Derek Ltd. Is-Sindku Mark



***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

Camilleri qal li z-zona fejn ser isiru dawn ix-xoghlijiet giet imnaddfa mill Public Works mill-ħmieġ u r-radam li kien hemm.

Is-Sindku qal ukoll li r-Regjun qed jagħti fondi wkoll ghall-diversi attivitajiet kulturali u xogħlijiet ta' zebgha ohra fit-toroq li jammontaw għal madwar Eur13,000.

72.4 Vot tal-Flus

Il-Kunsill reġa qabel li għandu jinxtara vann għall-użu tal-Kunsill. Ghal dan il-għan għandu jitqabbad inġinier sabiex jfassal l-ispecifications li jkunu kkonfermati mill-Kunsill.

Sadanittant kien preżentat il-vot tal-flus. Wara diskussjoni ittieħed vot. Is-Sindku Mark Camileri sekondat mill-Viċi-Sindku Clive Azzopardi, ppropona li dan il-vot ikun approvat. Is-Sindku Mark Camilleri, il-Vici-Sindku Clive Azzopardi, u l-Kunsilliera Anthony Borg u Steve Zammit Lupi vvutaw favur. Il-kunsilliera Patrick Bonnici, David Battistino, George Cortis u Kevin Glynn astjenew mill-vot. Il-vot tal-flus ġie approvat.

72.5 Proġett Librerija u Latrina

Is-Sindku Mark Camilleri qal li dan il-proġett qed jieħu fit-tul biex isir kemm minħabba li ċertu xogħlijiet ma setgħux isiru fil-ħin tal-iskola u anke bħala ttardjar ta' ezekuzzjoni tax-xogħlijiet min-naħa tal-kuntrattur. Kellha titwaqqa wkoll il-faċċata.

Is-Sindku semma wkoll kif il-Kunsillier Tony Borg intervjena sabiex ċertu xogħlijiet isiru aħjar milli saru. Is-Sindku semma wkoll kif il-kuntrattur preżenta kont għall-ħlasijiet ta' Eur 32,926.25 li huwa ċċertifikat mill-kumpanija Med Design.

Fuq proposta tas-Sindku Mark Camilleri sekondata mill-Viċi-Sindku Clive Azzopardi dan il-kont kien preżentat għall-approvazzjoni. Ittieħed vot. Is-Sindku Mark Camilleri, il-Vici-Sindku Clive Azzopardi, u l-Kunsilliera Anthony Borg, Patrick Bonnici u Steve Zammit Lupi vvutaw favur. Il-Kunsilliera David Battistino, George Cortis u Kevin Glynn astjenew mill-vot. Dan il-ħlas ġie approvat.

72.6 Ingaġġament ħaddiem klerikali u manwali

Is-Sindku Mark Camilleri semma kif għalkemm kien hemm applikazzjonijiet għall-post ta' clerk, ma kien hemm l-ebda kandidat li kkonferma l-interess li jaħdem f'din il-pożizzjoni u għalhekk il-Kunsill għandu jkompli jirreklama din il-pożizzjoni battala.

Sadanittant għall-pozizzjoni ta' handyman Skala 19, q.ed ikun irrakomandat is-Sur Edgar...... li għandu diversi esperjenzi f'dawn ix-xogħlijiet. Il-Kunsill kollu qabel b'vot unanimu li jkun ingaġġat din il-persuna b'perjodu ta' probation ta' 6 xhur.

72.7 Milied 2023

Is-Sindku Mark Camilleri nforma kif għal din is-sena mill-Ġimgħa 15 ta Diċembru sas-17 ta' Diċembru, il-pjazza u Triq Sciortino kienu ser jingħalqu sabiex isiru attivitajiet mit-tlett każini għal Milied. It-tiżjin tad-dawl kellu jinbeda l-għada ta' din il-laqgħa.

***Sindku (Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA Certified Public Accountant

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications, Philip Edrick Zammit, Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit), George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino, Anthony Borg

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi saħaq li qed ikompli jagħfas fuq it-tindif mill-kenniesa Huwa ppropona li numru ta’ bins żgħar jitpoġġew madwar Ħaż-Żebbuġ sabiex il-kenniesa jkunu jistgħu jitfgħu l-boroż fihom. Kien hemm qbil unanimu li dawn jinxtraw u li jinżammu msakkra.

Inqabel unanimament ukoll li minħabba f-istat tal-latrini kif jinsabu u minħabba li mhux vijabbli li dawn jitranġaw, dawn għandom jingħalqu mill-1 ta’ Jannar il quddiem.

Il-Kunsilier Anthony Borg ħabbar li kien ser jrganizza festin għall-anzjani nhar il-Ġimgħa 22 ta’ Diċembru 2023, li bi prezz maqbul minn kulħadd li għandu jkun ta’ Eur10, li nofshom imorru għal karita.

72.8 Tmiem tal-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30pm u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| **Mark Camilleri** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

***Sindku (Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA Certified Public Accountant

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino, Anthony Borg

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*